MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 268/2011

**Francis u Theresa nee' Zerafa konjuġi Camilleri bħala kuraturi tal-minuri binthom Mirielle Camilleri**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata minn Francis u Theresa nee' Zerafa konjuġi Camilleri fis-16 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi nhar it-22 t'Awissu 1995, miż-żwieġ tagħhom twieldet il-minuri bl-isem Mireille.

2. Illi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ġie reġistrat fl-atti tat-Twelid numru 3610/1995 (kopja annessa u mmarkata Dok A).

3. Illi l-isem li bih il-minuri kienet konsistentement magħrufa, huwa ‘Mireille Estelle’ u mhux ‘Mirielle Estelle’ kif ġie reġistrat.

4. Illi l-esponent jixtiequ jipprevalixxu rwieħhom, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et sec* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, fis-sens illi fil-kolonna intestata *‘Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* l-isem ‘Mirielle’ jiġi sostitwit bl-isem ‘Mireille Estelle’.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Jiġi ddikjarat illi l-isem li bih il-minuri kienet konsistentement magħrufa kien ‘Mireille Estelle’ u mhux ‘Mirielle’, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha.

2. Tordna lill-intimat sabiex fl-att tat-Twelid numru 3610/1995, fil-kolonna intestata *‘Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* l-isem ‘Mirielle’ jinbidel u jiġi jaqra ‘Mireille Estelle’ u dan *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Tordna wkoll lill-intimat sabiex in segwitu, jottempera ruħu mad-dispożizzjonijet tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-18 ta’ April 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Ili fit-tieni lok l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-atti probatorji u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li, kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jridu jressqu xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżentaw affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħhom ossia li tul ħajjitha binthom kienet konsistentement msejħa bħala Mireille Estelle u mhux Mirielle Estelle;

4. Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-atturi nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju 2011 fejn dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-isem ta’ bint l-atturi għandu jitniżżel bħala Mireille Estelle u mhux Mirielle Estelle kif erronjament indikat, u kwindi t-talba hija ġustifikata.  Ma jidhirx li l-konvenut jaħti għall-iżball u allura m’għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------